



EUROPEAN MEDICINES AGENCY
SCIENCE MEDICINES HEALTH

EMA/531371/2021
EMA/V/C/005427

Tessie (*tasipimidine*)

Ħarsa ġenerali lejn Tessie u r-raġuni għalfejn huwa awtorizzat fl-UE

X'inhu Tessie u għal xiex jintuża?

Tessie huwa mediċina veterinarja li tintuża għas-solliev għal perjodu qasir tal-ansjetà tas-sitwazzjoni u l-biża' fil-klieb ikkawżati minn storbju jew tluq mis-sid.

Fih is-sustanza attiva tasipimidine.

Kif jintuża Tessie?

Tessie jista' jinkiseb biss b'riċetta ta' tabib.

Il-mediċina tiġi bħala soluzzjoni orali li fiha 0.3 mg/ml ta' tasipimidine. Id-doża tiddependi mill-piż tal-kelb. Il-kelb m'għandux jiġi mitmugħ minn siegħa qabel sa siegħa wara t-trattament. Il-ħtieġa, il-frekwenza u d-dożaġġ tat-trattament b'Tessie għandhom jiġu evalwati mill-veterinarju li jikteb ir-riċetta. Il-mediċina hija għal użu għal perjodu qasir, sa disat ijiem konsekuttivi jekk meħtieġ.

Għal aktar informazzjoni dwar l-użu ta' Tessie, aqra l-fuljett ta' tagħrif jew ikkuntattja lill-veterinarju jew lill-ispiżjar tiegħek.

Kif jaħdem Tessie?

Is-sustanza attiva f'Tessie, it-tasipimidine, hija agonist tal-adrenoċettur alpha-2A. Taħdem billi ttiprevjeni r-rilaxx tan-newtrotrasmittitur noradrenaline miċ-ċelloli tan-nervituri fil-ġisem. Newtrotrasmittitur huwa sustanza kimika li ċ-ċelloli tan-nervituri jużaw sabiex jikkomunikaw maċ-ċelloli tal-qrib. Noradrenaline hija involuta fl-ikkawżar ta' ansjetà u biża' fl-animali f'sitwazzjonijiet stressanti, u t-tnaqqis tar-rilaxx tagħha jnaqqas l-ansjetà u l-biża'.

X'inhuma l-benefiċċji ta' Tessie li ħarġu mill-istudji?

L-istorbju

Fi studju li sar Lejliet is-Sena l-Ġdida, 80 kelb ġew ittrattati b'Tessie mal-ewwel feġġa tal-ħsejjes tal-logħob tan-nar jew meta l-kelb wera sinjali ta' ansjetà jew biża', u 80 kelb ingħataw plaċebo

Official address Domenico Scarlattilaan 6 • 1083 HS Amsterdam • The Netherlands

Address for visits and deliveries Refer to www.ema.europa.eu/how-to-find-us

Send us a question Go to www.ema.europa.eu/contact **Telephone** +31 (0)88 781 6000

An agency of the European Union



(trattament finta). Il-kejl ewlieni tal-effikaċja kien il-valutazzjoni tas-sid tal-effett tat-trattament fuq is-sinjali ta' biża' u ansjetà tal-kelb. Tessie kien ferm aħjar biex itaffi l-ansjetà u l-biża' assoċjati mal-istorbju meta mqabbel mal-plaċebo.

Tluq tas-sid

Fi studju fuq il-post ta' ħames ġimgħat, 32 kelb ġew ittrattati d-dar b'Tessie kif meħtieġ sa tliet darbiet kuljum u 34 kelb ġew ittrattati bi plaċebo. Il-kejl ewlieni tal-effikaċja kien il-valutazzjoni tas-sid tal-effett tat-trattament fuq is-sinjali ta' biża' u ansjetà tal-kelb relatati mat-tluq tas-sid. Tessie kien ferm aħjar għas-solliet tal-ansjetà meta mqabbel mal-plaċebo.

X'inhuma r-riskji assoċjati ma' Tessie?

L-effetti sekondarji l-aktar komuni b'Tessie huma għeja u rimettar (li jistgħu jaffettwaw aktar minn annimal 1 minn kull 10).

Tessie m'għandux jintuża jekk il-kelb ikollu mard sistemiku sever bħall-mard tal-fwied, tal-kliwi jew kardjovaskulari (li jaffettwa l-qalb u ċ-ċirkolazzjoni tad-demm). Tessie m'għandux jintuża jekk il-kelb juri sinjali ta' sedazzjoni minn dożaġġ preċedenti, bħal ngħas, movimenti mhux koordinati jew nuqqas ta' rispons. Il-mediċina m'għandhiex tintuża waqt it-tqala u t-treddiġ.

Għal-lista sħiħa tal-effetti sekondarji u r-restrizzjonijiet b'Tessie, ara l-fuljett ta' tagħrif.

Għalfejn Tessie huwa awtorizzat fl-UE?

L-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini ddeċidiet li l-benefiċċji ta' Tessie huma akbar mir-riskji tiegħu u rrakkomandat li jkun awtorizzat għall-użu fl-UE.

Informazzjoni oħra dwar Tessie

Tessie ngħata awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq valida fl-UE kollha fis-16.08. 2021.

Aktar informazzjoni dwar Tessie tinstab fis-sit web tal-Aġenzija:

ema.europa.eu/medicines/veterinary/EPAR/tessie.

Din il-ħarsa ġenerali ġiet aġġornata l-aħħar f'08-2021.